# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 10 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 1041/00**

**Numru 4**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Mohammed Hazzouri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba mija u tlett liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm403.27) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 384243 liema servizz gie stallat fil-fond fuq imsemmi u dana skond ma kif jidher mis-"service agreement" anness mal-avviz Dok A.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxjiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness Dok A a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' Lulju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm403.27,0 bl-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg